# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 11 ta' Lulju 2024**

**Rikors numru 724/2022**

**EveryMatrix Holding plc (K.I. 44407)**
**vs.**
**Blue Horizon Investment APS (numru ta' reġistrazzjoni Daniż 39479524) u Mads Verner Jorgensen (detentur ta' passaport Daniż 204866219).**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

### A. RIKORS

1. Rat ir-rikors tas-soċjeta rikorrenti ippreżentata fit-8 ta' Awissu 2022, permezz ta' liema hija talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lis-soċjetà intimata Blue Horizon Investiment APS flimkien ma' Mads Verner Jorgensen responsabbli għall-ħlas ta' somma ta' mitejn elf euro (€200,000) oltre imgħax legali mid-data meta l-istess ammont kellu jitħallas, ċjoè mill-10 ta' Ġunju tas-sena 2021 kif ukoll li tikkundannahom iħalsuha l-istess ammont bl-ispejjeż.

2. Rat in-nota eżebita mis-soċjeta rikorrenti a fol 89 minn fejn jirriżulta li l-awtorita kompetenti Daniża bagħtet iċ-ċertifikat tan-notifika direttament lis-soċjeta rikorrenti minflok lill-Avukat tal-Istat.

3. Rat iċ-ċertifikat a fol 90 minn fejn jirriżulta li s-soċjeta intimata u Mads Jorgensen kienu ġew notifikati b'"Court application" nhar id-29 ta' Mejju 2023.

4. Rat li fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023, a fol. 179, il-Qorti rat in-nota tal-Avukat tal-Istat datata 14 ta' Novembru 2023 f'paġna 97, li biha

informa lill-Qorti li hu ma rċevietx iċ-ċertifikat tan-notifika iżda din in-nota ġiet notifikata mill-awtorita kompetenti fid-Danimarka direttament lir-rikorrenti fil-kawża odjerna u kkonkluda li dan iċ-ċertifikat dwar in-notifika lill-intimati tar-rikors ġuramentat mibgħut lir-rikorrenti juri li Mads Verner Jorgensen kien ġie notifikat bl-atti tal-kawża.

5. Qieset li l-intimati għalkemm debitament notifikati baqgħu kontumaċi.

6. Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024 is-soċjeta rikorrenti preżentat tliet affidavits – wieħed tad-direttur tas-soċjeta attriċi Ebbe Groes, kif ukoll ta' żewġ impjegati tas-soċjeta rikorrenti Maria Alessandra Russo u Roxana Utica minn fejn kien jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri s-soċjeta rikorrenti tħalset ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) akkont tal-bilanċ dovut lilha, kif ukoll korrispondenza skambjata bejn is-soċjeta rikorrenti u dik intimata u Mads Jorgensen dwar il-bilanċi dovuti.

7. Rat li fis-seduta tal-25 ta' April 2024, is-soċjetà rikorrenti iddikjarat li l-ammont li għad fadal jitħallas huwa ta' mija u ħamsa u sebgħin elf Ewro (€175,000) pero żammet ferm l-interessi u l-ispejjeż mertu ta' din il-vertenza.

8. Semgħet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

9. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

10. Rat li fil-verbal tal-25 ta' April 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

11. Il-fatti tal-każ huma is-segwenti (in suċċint) huma li s-soċjeta rikorrenti u s-soċjeta intimata daħlu f'kuntratt ta' self datat 7 ta' Mejju 2021 Dok EM1 fol 5 *et sequitur*, fejn is-soċjetà rikorrenti silfet l-ammont ta' tliet mitt elf euro (€300,000) lis-soċjetà intimata bil-patt li l-ammont kollu kellu jitħallas sal-10 ta' Ġunju 2021. Ġie mehmuż ukoll appendiċi A fejn Mads Jorgensen ikkostitwixxi lilu nnifsu garanti mas-soċjeta intimata għat-twettieq tal-obbligazzjonijiet naxxenti minn dan il-ftehim ta' self.

12. Mill-provi jirriżulta li fil-bidu saru ħlasijiet li jlaħqu l-ammont ta' mitt elf euro (€100,000) biex b'hekk kien fadal bilanċ ta' mitejn elf euro (€200,000). Jirriżulta wkoll li sussegwentement ma baqgħux isiru ħlasijiet mis-soċjeta intimata jew mill-garanti Jorgensen.

13. Permezz ta' ittra uffiċjali numru tat-28 ta' April 2022 , Dok EM3, a fol 14, is-soċjetà rikorrenti interpellat lill-intimati għall-ħlas ta' dan l-ammont, iżda s-soċjetà intimata u l-intimat Mads Verner Jorgensen, sa dakinhar baqgħu ma ħallsux l-ammont pendenti dovut.

14. Kif dikjarat fix-xiehda ta' Roxana Utica, u ribadit fit-trattazzjoni tal-25 ta' April 2024, jirriżulta wkoll li sussegwentement, fit-3 t'April 2023 is-soċjeta rikorrenti rċeviet l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) akkont tal-bilanċ tas-self. Mill-korrispondenza elettronika eżebita jirriżulta wkoll li Mads Jorgensen irrikonoxxa li kien għad hemm bilanċ li ried jitħallas u kien anke stqarr li kien sejjer iwettaq pagamenti oħra. Mill-provi prodotti jirriżulta li għad hemm bilanċ pendenti ta' mija ħamsa u sebgħin elf euro (€175,000).

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

15. Kif verbaliżżat fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023, l-intimati għalkemm debitament notifikati, baqgħu kontumaċi.

16. Il-kontumaċja fiha nfisha mhix ammissjoni, iżda għandha tiġi interpretata bħala kontestazzjoni. Fil-fatt, fil-ġurisprudenza ingħad li l-kontumaċja għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni għat-talba u għalhekk il-Qorti trid tidħol f'ċerta dettal li tħoss meħtieġ biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti.[1]

17. Jirriżulta li EveryMatrix Holding plc kienet silfet l-ammont ta' tlett mitt elf ewro (€300,000) lis-soċjeta Blue Horizon Investiment ApS, kif jidher ċar fil-'loan agreement' a fol 5 tal-proċess. Fi klawsola 3 ta' dan il-ftehim ingħad hekk:

> The loan amount which has been withdrawn and the interest (the 'Total Debt'), shall be redeemed by June 10, 2021 (the 'Redemption Date') and redemption on an earlier date shall be permitted.

---

[1] Ara **Ruth Apap vs Noel Apap** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1995; **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe** deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2014; **Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea** deċiża mill-Prim Awla fis-26 ta' April 2001.

18. It-terminu li fih kellu jitħallas dan is-self skada, stante li l-bilanċ li kellu jitħallas sar-'redemption date' ma tħallasx kollu.

19. Jirriżulta pruvat soddisfaċentement li għall-bidu parti minn dan is-self kien qed jiġi mħallas billi s-soċjetà intimata ħalset l-ammont ta' mitt elf ewro (€100,000) mill-ammont dovut. Għaldaqstant, kif premess fis-sitt premessa, u kif dikjarat fir-rendikont Dok EM2 fol 11, kien għad baqa' bilanċ rimanenti ta' mitejn elf ewro (€200,000).

20. Madankollu, ftit wara l-pagamenti waqfu u kellha tinfetaħ din il-kawża. Meta infetħet din il-kawża, s-soċjetà intimata ħalset ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) oħra biex b'hekk ġie dikjarat li l-ammont li għad fadal pendenti huwa ta' mija ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000) flimkien mal-imgħax legali u l-ispejjeż. Ġaladarba l-kuntratt ta' self ma ġiex onorat fiż-żmien miftiehem, il-'loan agreement' jitqies li ġie miksur.

21. F'dan il-każ, a fol 5 ġie wkoll ippruvat li Mads Verner Jorgensen kien ikkonferma ruħu bħala garanti personali fl-ammont ta' self indikat fl-imsemmi 'loan agreement'. Fi klawsola 5 tal-imsemmi ftehim hemm indikat is-segwenti:

> In exchange for the Lender entering into this Agreement and the acceptance of granting the Loan to the Borrower pursuant to this agreement, the signatory of the Personal Guarantee Note, as set out in Appendix A, which forms an integral part of this Agreement, personally and unconditionally guarantees performance of Blue Horizon Investment APS, obligations under the foregoing Agreement, and payment of all sums due thereunder, and in the event of default, hereby waives notice of default and agrees to indemnify the Lender for any and all amounts due from Blue Horizon Investment APS under the Foregoing agreement.

22. Fid-dawl ta' dawn il-provi, din il-Qorti tqis li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma ġustifikati u jistħoqqilhom li jiġu milqugħa.

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti u tiddikjara li s-soċjetà intimata Blue Horizon investiment ApS flimkien ma' Mads Verner Jorgensen huma responsabbli għall-ħlas ta' mija ħamsa**

u sebgħin elf ewro (€175,000) oltre l-imgħax legali skont il-Liġi f'Malta mill-10 ta' Ġunju 2021 sad-data tal-pagament effettiv, liema somma hija rappreżentanti l-bilanċ ta' ammont ta' flus mislufa mis-soċjeta rikorrenti preċedentement skont kif imsemmi iżjed il-fuq; u

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjetà intimata Blue Horizon investiment ApS flimkien ma' Mads Verner Jorgensen, sabiex iħallsu somma ta' mija ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000) oltre l-imgħax legali skont il-Liġi f'Malta mill-10 ta' Ġunju 2021 sal-ġurnata tal-pagament effettiv.

**Spejjeż a karigu tal-intimati.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**